# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **39** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tnejn 16 ta' Novembru 2015 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | *Membri* |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Skużati | Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 38.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tat-Tender
   KLM 2015/08 – Road Maintenance and Major Patching works in access and access only roads.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 36(1) tas-17 ta' Awwissu 2015:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 **Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spieteri qal illi f'paġna 3 artiklu 2.1.1 għandu jiżdied dan il-paragrafu u jinqara kif ġej :**

*"Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiter qal li ma jaqbilx assolutament ma dawn il-bollards".*

1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab sabiex f'paġna 1 jitniżżel li kien skużat.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 1 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 38(1) tal-14 ta' Ottubru 2015:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsilliera fuq paġna 4 punt #2.1.3 rigward it-talba li ssir *jogging track* fi Triq ix-Xatt. Huwa qal illi l-ittra nkitbet min-naħa tal-Kunsill u anke rċevejna risposta, fejn qal illi għalkemm ir-risposta kienet li ser jaħdmu fuqha, huwa kien iċċekja u progress ma kien sar xejn. Huwa kompla jgħid li ltaqa mas-Sur Mark Cutajar CEO ta' Sports Malta fejn qallu illi qegħdin naqra tard sabiex nissottomettu t-talba tgħana pero issuġġerilu sabiex nagħmluha xorta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wisq probbali l-Kunsill ikun irid jimla xi formola provduta minn Sports Malta.

Is-Sindku qal illi huwa tkellem mal-propretarji tal-eks Jerma Palace Hotel fejn infurmawh illi l-pjanti qedgħin fil-fazi finali u dalwaqt ser jitressqu għand il-MEPA. Huwa kompla jgħid illi jekk ser jibda x-xogħol fuq l-eks Jerma Palace Hotel l-ewwel xogħol li ser jibda huwa l-*promenade*. Huwa kompla jgħid illi dan huwa proġett li għandu jkun ħolistiku u għandu jsir studju tajjeb qabel ma jsiru x-xogħolijiet peress illi anke hemm postijiet matul il-*promenade* illi kif jitħaffru ser titla l-ħama.

2.1.2 Is-Sindku tkellem fuq artiklu 2.1.1 ta' paġna 3 fejn qal illi huwa tal-opinjoni li l-kumplament tal-*bollards* għandhom jinqalgħu għaliex qed joħolqu ħafna nkonvenjent lis-sewwieqa u r-residenti ta' din it-triq.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li r-residenti ma qablux illi minħabba l-*bollards* Triq il-Qaliet saret *one lane*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk jistax jkun hemm xi Puluzija fejn jekk ikun hemm sewqan b'veloċita, jingħataw iċ-ċitazzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi sabiex tingħata ċitazzjoni fuq sewqan b'veloċita jrid jkun hemm *speed cameras.*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk nistgħux nitolbu lit-TM jgħatuna parir professjonali.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitneħħew il-kumplament tal-*bollards.*

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 6 ta' artiklu 3.4 fejn qal jekk hux ser napplikaw għad-dawl temporanju tad-dawl tal-Milied. Huwa kompla jispjega illi għanda bżonn issir pjanta min-naħa tal-kuntrattur imqabbad mill-Wasteserv sabiex jkunu jistgħu japplikaw malajr.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lis-CEO tal-Wasterve ħalli jgħamlu l-pjanta u japplikaw għad-dawl temporanju urġenti.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lill-Kunsilliera rigward punt #3.8 ta' paġna 7 illi ser issir laqgħa maċ-Chairman tal-Mepa dwar Żonqor Playing Field u dak kollu li kien ġie approvat fis-seduta preċedenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-*area* hija *white area* u għaldaqstant ma jistax isir żvillupp ta` bini iżda forsi għal-garaxx jagħtuna permess.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ried jiċċara punt 2.1.2 ta' paġna 3 rigward il-laqgħa li saret fuq il-park nazzjonali fejn qal illi huwa ma kienx parti mis-suġġerimenti tad-deċiżjoni li jsir *promenade.* Huwa kompla jgħid illi ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu huma rakkomandazzjonijiet imfasslal mill-Grupp Nifs li jifforma parti minnhu hu.

2.1.6 Is-Sindku irrefera għal punt 3.4 ta' paġna 6 fejn qal li l-attivita` tal-Milied pjanata ġewwa l-Wasteserv u l-attivita` kollha kienu tħassret peress illi t-tined ser jiswew ħafna.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 artiklu 2.1.4 jekk għandiex xi żvilupp.

Is-Sindku qal illi waqt il-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki d-diskors tiegħu kien infatti fuq il-gwardjani lokali. Huwa qal illi issa minn mindu ġew għand il-kumpanija LESA hemm sistema ġdida fejn ċitazzjoni tista titħassar meta xi gwardjan lokali jagħti ċitazzjoni bi żball. Huwa kompla jispjega illi inħatar *region officer* fejn persuna jew il-Kunsill ikunu jistgħu iressqu l-ilmenti lilu.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 9 punt #6.0 fejn staqsa jekk nfurmawniex b'iktar progress rigward il-ħaddiema tal-RSS.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li s'issa ma kienx hemm żviluppi.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Road Repairs (35/4631/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sur James Xuereb għandu apparat ta' kif issaħħan it-tarmak u jerġa jiġi użat. Huwa kompla jispjega li dan l-apparat huwa *eko friendly.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma m'hemmx bżonn tas-servizz tiegħu minħabba li f'din is-seduta se jingħażel il-kuntrattur għat-toroq.

3.2 **Memo 30/2015 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet kulturali:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għanda skema li mtliet mis-sottokumitat tal-kultura għal żewġ attivitajiet, waħda Marsaskala Summer fest li proposta li issir mill-24 ta' Ġunju 2016 sas-26 ta' Ġunju 2016 u l-oħra Marsaskala fi żminijiet Medjovali mit-2 ta' September 2016 sal-4 ta' Settembru 2016. Huwa kompla jgħid illi dawn l-attivitajiet ser jkunu parti finanzjati mil-Gvern Ċentrali kemm il-darba tiġi aċċettata l-applikazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal sabiex ninfurmaw lis-Sur Mario Camilleri l-kordinatur tal-attivitajiet, sabiex jibda jaħdem għal-*isponsors*. Huwa qal li is-Sur Camilleri jaf isib problema minħabba il-fatt illi jrid jibda jaħdem minn issa fuqhom iżda għad ma għandiex l-approvazzjoni ta' dawn l-attivitajiet mid-DLG.

Il-Kunsill qabel unaimament sabiex napplikaw għal dawn iż-żewġ attivitajiet u ninfurmaw lis-Sur Mario Camilleri.

3.3 **Gal Xlokk Membership fee 2014-2020 (35/4614/15/I):**

Is-Sindku qal li wasalna sabiex inġeddu l-*membership* tal-Gal Xlokk li tammonta għal €4500. Huwa kompla jispjega illi l-*membership* tinħadem €500 fuq kull Kunsillier. Huwa kompla jgħid illi għandna inġeddu din il-*fee* meta wieħed għandu jikkonsidra kemm ksibna flus u għamilna proġetti fis-snin li għaddew. Ġie nnutat wkoll li l-membership fee din id-darba kienet orħos minn dik li kienet tħallset xi ftit tas-snin ilu.

Il-Kunsill qabel unaimament sabiex inħalsu l-*membership fee*.

3.4 **Risposta mingħand il-kuntrattur tal-Bulky Refuse:**

Is-Sindku spjega illi peress li nbidlet l-istrateġija tal-iskart, l-offerent tal-*bulky refuse* kellu jgħolli r-rata tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi huwa iltaqa mal-offerent u prova jniżżillu r-rata kemm jiflaħ kif kien ġie approvat mil-Kunsill. Huwa kompla jispjega illi flimkien mal-offerent ħadmu l-ispejjeż illi għandu ta ġurnata u qal illi l-inqas li jista jniżila r-rata hija sa €3.15 sabiex jifdallu ftit qligħ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hija ħasra illi għandna l-impjant ġewwa l-lokalita` tagħna u m' għandiex *civic amenitic sites* fil-viċinanzi. Huwa kompla jgħid illi l-ispiża tal-*bulky refuse* ser tirdopja b'dan il-prezz.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tiġi aġġudikata lil uniku offerent tal-*bulky refuse* lis-Sur Jimmy Muscat u issir bi prova għal sena bir-rata miftiehma ta' €3.15 għal kull tlett oġġetti.

3.5 **Azzjoni li ttieħdet mil-Kunsill fuq ir-ristoranti:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien avviċinaħ persuna u staqsietu jekk konniex ktibna aħna l-artiklu li deher fil-ġurnal l-Orrizont bit-titlu "Imwejjed u Siġġijiet tar-ristoranti jaqbżu l-linja fl-Wied il-Għajn" datat 26 ta' Ottubru 2015. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi huwa kien wieġbu illi dak l-artiklu ma kienx inkiteb min-naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nerġgħu nibagħtu reminder lill-Puluzija u lil Lands Department fuq l-infurzar.

3.6 **Mathematics and Beyond:**

Is-Sindku qara l-korrispondenza mibgħuta mingħand is-Sur Karl Frendo Cumbo sabiex jagħti privat tal-matematika fit-*training centre* bi ħlas.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma naċċettawx dan is-servizz peress illi fil-preżent hemm persuna li toffri dan it-tagħlim bla ħlas.

3.7 **Douzelage:**

Is-Sindku beda billi ppreżenta lis-Sur Ryan Portelli li huwa l-persuna illi qed taħdem flimkien miegħu fuq il-proġett tal-Erasmus plus liema applikazzjoni kompluta kienet intbagħtet lill-kunsilliera kollha mil-Kunsill. Huwa beda jispjega illi dan l-aħħar kien jinsab inkwetat peress illi s-sena d-dieħla l-AGM ser jsir ġewwa l-Bulgarija u s-Sindku li kien jirrapreżenta l-Bulgarija tilef it-titlu ta' Sindku u ġie maħtur persuna oħra kienu ferm inkwetati illi s-Sindku l-ġdid ma kienx ser jgħamel l-AGM ġewwa l-Bulgarija. Huwa kompla jispjega illi kienu qed jippreparaw sabiex minflok il-Bulgaria issir Marsaskala, iżda s-Sindku l-ġdid ikkonferma illi l-AGM ser issir ġewwa il-Bulgarija kif kien ippjanat.

Is-Sindku kompla jgħid illi l-President tad-Douzelage qallu li ser jkun hemm l-applikazzjoni għal kontestazjoni tar-rappreżentant taz-zgħazagh ġewwa id-Douzelage u issuġġerilhu illi s-Sur Ryan Portelli jikkontesta. Huwa qal ukoll illi f'Mejju ser jkun hemm ukoll il-kontestazjoni tal-President tad-Douzelage fejn il-President attwali tad-Douzelage kien qed jinnomina lis-Sindku sabiex jikkontensta għal-President. Huwa kompla jispjega illi jekk il-Kunsill jaqbel għanda naqtu erbgħa biljetti tal-ajru kemm jista jkun malajr. Id-Delegazzjoni ser tkun iffurmata mis-Sindku, l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt, is-Sur Ryan Portelli.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa lis-Sur Portelli fuq xiex jikkonsisti dan il-proġett.

Is-Sur Ryan Portelli spjega dak li kien hemm fl-applikazzjoni fejn se jipparteċipaw ħames kunsilli lokali mil-Polonja, Ingilterra, Latvia, Ungarija flimkien magħma l-Maltin.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri talab sabiex jkun infurmat fuq il-proġett tal-Erasmus plus peress illi huwa jieħu ħsieb liż-żgħażagħ.

Is-Sur Ryan Portelli wieġbu illi s'issa għad ma tkelliemix miegħhu peress illi l-applikazzjoni għada ma ġietx approvata u kif appena tintrebaħ ser jinfurmaħ b'kollox ħalli jaħdmu flimkien.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa xi spejjeż jinvolu lill-Kunsill rigward dan il-proġett.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi dan huwa proġett li nġibu l-fondi mill-EUPA u huwa kollu iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Huwa kompla jispjega illi l-aħħar darba illi applikajna għal fondi tal-EUPA kellna noħorġu *recovery funds* u għaldaqsant l-applikazzjoni għanda issir sew.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi fis-sena 2017 ser jiġu 7 rappreżentanti fil-qasam tal-kostruzzjoni fejn ser jgħamlu ftit ġranet xogħol hawn Malta. Huwa kompla jispjega li dan huwa mill-istess proġett *Leonardo Da Vici* fejn is-sena l-oħra kienu ġew Malta 7 kokijiet.

3.8 **Green Malta Project (35/4475/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din hija kumpanija li tiġbor l-iskart separat u tgħati inċentiva lir-residenti illi jingħatalhom kupun fejn issarfuh għand il-ħwienet stipolati.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma nipparteċipawx f'din l-iskema.

3.9 **Ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u l-istaff:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta tlett kwotazzjonijiet tar-ristoranti fejn l-irħas menu huwa ta' The Terrace Bistro and Lounge.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ikla issir għand The Terrace Bistro and Lounge fis-17 ta' Diċembru 2015.

3.10 **Bibita 2015:**

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-bibita` issir nhar is-Sibt 9 ta' Jannar 2016 ġewwa is-sala tal-Kappillan. Il-Kunsill qabel illi bħala xorb ser nagħmlu biss inbid, *soft drinks*, birra u ilma.

3.11 **Korrispondenza mingħand is-Sur John Attard:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sur John Attard kien qed jilmenta illi Triq il-Vjola ma Triq Patri Wistin Born hemm *blind corner* u għaldaqstant qed jitlob sabiex Triq il-Vjola issir *one way*.

Is-Sindku qal illi kif ser jinbena l-proġett li hemm tal-iskola ser tinfetaħ it-triq.

Il-Kunsill qabel unanimament illi immorru fuq il-post u naraw x'jista jsir.

3.12 **Tender tat-Traffic Signs and Road Markings:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi ż-żewġ offerenti kienu *technically and administravely compliant.* L-orħos offerent huma l-Koperattiva Tabelli u Sinjali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona illi din l-offerta tiġi aġġudikata lil Koperattiva Tabelli u Sinjali peress li kien l-orħos offerent u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

3.13 **Talba sabiex Triq il-Grigal issir one way:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi avviċinatu residenta u qaltlu illi l-part ta fuq ta' Triq il-Grigal hija perikoluża u qed jkun hemm konġestjoni u għaldaqstant qed titlob sabiex issir *one way*.

Il-Kunsill unanimament ma qabilx illi issir one way.

3.14 **Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru 2015 mac-Chief Operating Office tal-AUM fl-uffiċini tal-wasteserv:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi waqt laqgħa li kellu tal-kumitat parlamentari tal-iżvilupp tal-ambjent intqal illi d-deċiżjoni għada mhux finali li dan l-iżvilupp ser jsir fiż-Żonqor u staqsa jekk din it-tip ta' laqgħa hux ser issir al-lokalitajiet oħra jew ma Marsaskala biss.

Is-Sindku wieġbu illi r-rappreżentant tal-iżvilupatturi s-Sur Yosef Al-Hroub qal illi din il-laqgħa ma kienetx qed issir biex jiddiskutu jekk l-iżvilupp hux ser jsir jew le imma kif nistgħu ntejbu l-lokalita` jekk isir dan l-iżvilupp. Is-Sindku rrefera għal minuti tal-laqgħa u semma li waqt din il-laqgħa, il-Kunsill enfasiżża sabiex l-appartamenti eżistenti ma jiġux ingumbrati bl-iżvilupp. Fil-fatt l-iżviluppatur wera li se jkun hemm *"view corridors"* u *"lateral sea views"* filwaqt li l-iżvilupp propost mhux se jinbena iktar minn 3 sulari għoli. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa, il-Kunsill għan-nom tar-residenti semma il-problema bil-mejnijiet tad-drenaġġ eżistenti li ma jifilħux għall-iżvilupp kollu li sar f'dawn l-aħħar snin. Il-Kunsill waqt din il-laqgħa tkellem ukoll dwar il-fatt li hemm latrina pubblika eżistenti u li mportanti li jibqa jkun hemm latrina pubblika integrata fil-proġett. Waqt din il-laqgħa, l-Kunsill irrefera ukoll għal-problema tan-nuqqas ta' dawl fi Triq il-Blajjiet. Is-Sindku semma wkoll li lejn l-aħħar tas-seduta mal-iżviluppaturi, wera l-pjanti tal-bini tal-Kunsill u talab jekk jistgħux jgħinu fil-bini tal-Kunsill bħala capital gain kif normalment isiru fi proġett ta' dan id-daqs. Is-Sindku kkonferma illi s-Sur Yusef Al Hroub ma kienx sab oġġezzjoni għal din it-talba u li ma jsibx oġġezzjoni li l-Kunsill joħroġa pubblika. Is-Sindku kompla jgħid illi dak in nhar tal-laqgħa kienu ħadu l-pjanti tal-bini tal-Kunsill magħhom u talbuhom jekk jistgħux jgħinu fil-bini tal-Kunsill l-investituri bħala *capital gain*.

Is-Sindku qal illi is-Sur Yosef Al-Hroub ikkonferma illi l-bini tal-Kunsill ser jibnuhom l-investituri bla ħlas. Is-sindku qal li Allo ħares jekk il-permessi joħorġu, li s-Sur Yosef Al Hroub imur lura minn fejn telaq u Alla ħares dan il-proġett ma jsirx kompletament.

3.8 **<u>Żieda fin-notch tal-impjegati s-Sinjura Sharon Schembru u s-Sinjura Rebecca Micallef:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi s-Sinjura Sharon Schembru għanda ż-żieda fin-notch li ser tiprogressa għan-notch 7 f'Diċembru 2015, filwaqt li s-Sinjura Rebecca Micallef għanda ż-żieda fin-notch li ser tiprogressa għan-notch 7 f'Novembru 2015.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.9 **<u>Community Training Projects in youyr communiuty January till June 2016 by TCTC:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kumpanija TCTC qed toffri korsijiet għal adulti u anzjani fuq l-użu aħjar tal-internet u s-siti għal prezz ta €1150 li l-attendenza tiegħu tkun għal fuq minn 85 parteċipant. Huwa kompla jgħid illi jekk ma jkunx hemm iktar minn 25 applikant ser jiprovdulna l-kors tal-lkids għas-sajf b'xejn.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex ngħamlu dan il-kors bil-kundizzjonijiet kollha stipolati fl-offerta ta` TCTC.

3.10 **<u>PA04411/09 (EA 22/13) Proposed Petrol Station Triq San Antnin (35/4857/15/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jgħid illi l-applikazzjoni għal din il-pompa tal-petrol kienet saret fil-leġislatura li għaddiet u l-Kunsill ma kienx oġġezzjoni għalija. Huwa kompla jispjega illi issa sar l-*environmental planning statement* kif mitlub mil-MEPA.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jridu jittieħdu il-miżuri kollha sabiex jiġi evitat minn jkun irid jaqsam min-naħa l-oħra tat-triq bil-karozza sabiex nevitaw il-periklu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk din l-art imsemmija hijiex ġo ODZ area.

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li tali nformazzjoni suppost li tinsab fl-istess EIS liema EIS kien għad-dispożizzjoni tal-Kunsilliera.

Il-Kunsill qabel unanimament illi kemm il-darba din il-pompa tal-petrol tiġi aċċettata għandu jsir studju tajjeb minħabba l-fatt li din hija triq prinċipali u għaldaqstant jridu jittieħdu l-miżuri kollha sabiex nevitaw il-periklu għal minn ser jaqsam bil-karozza min-naħa l-oħra tat-triq.

3.11 **<u>Proposti tal-Green MT:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mill-ġimgħa id-dieħla ser jkomplu jwaħlu l-bankijiet matul il-*promenade* grazzi għal *Foundation for Tourizm Zone Development* li ser jwaħħlu 50 bank ieħor tul il-*promenade*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cinatar staqsa jekk ġew iċċarati l-punti li kien hemm fl-offerta li issottometta l-Green MT.

Il-Kunsill qabel illi għandu jiċċara dawn il-punti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk ġietx iċċarata jekk hux ser jkomplu jpoġġu *skips* peress li mhux imniżżla fl-offerta, jekk il-boroż hux ser jitqasmu kull tlett xhur, saħaq illi l-*leaflets* għandhom jkunu bil-kulur u mhux fotokopja u jibgħatilna kemm ser tkun il-frekwenza tal-ħasil tal-iskips. Huwa qal illi l-iskips mhux jintmesħu iżda jinħaslu, huwa qal illi l-idejali huwa illi jinbidlu u jinħaslu ġo post addatat.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kienet saret laqgħa mas-Sur Attard tal-Green MT fejn kien qalilhom illi l-iskips kollha ser jinbidlu b'*domes*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fejn hemm id-djar residenzjali m'għandhomx jinbidlu f'domes.

3.12 **Żgħażagħ fuq is-saqaf tal-eks Jerma:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li kien hemm xi żgħażagħ jiġru fuq is-saqaf tal-eks Jerma meta hemm ħafna periklu f'dak is-sit.

Is-Sindku qallu illi f'każi bħal dawn jirrapurtaw lill-Pulizija idejalment dak il-ħin stess peress li l-Jerma huwa post privat.

3.13 **Korsijiet fit-Training Centre:**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi s-Sur Neville Schembri kien kelmu għaliex jixtieq jagħti korsijiet ta' kif tieħu ħsib lil anzjani u persuna b'diżabilita` ġewwa t-*training centre* u l-korsijiet jkunu bi ħlas.

Is-Sindku qal ill l-aħjar niktbu lill-Ministru tal-Anzjani sabiex jiġu provduti korsijiet simili bla ħlas.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-aħjar jekk jibgħatilna r-rata li jitħallas bija.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq tlett pagamenti illi daħlu tard

a) Toni's Wines and Spirit bin numru tal-invoice 1048457 li jammonta għal €247.13
b) Frame up bin-numru tal-invoice 9 li jammonta għal €30.
c) Is-Sinjura Graziella Mallia bin-numru tal-invoice 41 li jammonta għal €275.94

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi ser nirċievu l-kont tal-kera tat-*training centre* sabiex jiġi mħallas ukoll.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitħalsu dawn il-pagamenti

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda.**

Il-Kunsill approva unanimament.

5.0 ***Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2015/08 – Road Maintenance and Major Patching works in access and access only roads:***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta x-*schedule*.

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | Polidano Bros Ltd | As per boq's |

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt iddikjara konflitt ta' interess u ma kienx parteċipi fid-diskusjoni.***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi it-tender ġie evalwat mill-Perit tal-Kunsill u fir-rapport tiegħu qal illi dan l-offerent huwa *technically and admistravely compliant* iżda f'ċertu affarijiet ir-rati tiegħu huma iktar għoljin mill-*frame work agreement*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi irridu naraw l-ammont ta' fuq li għandna allokati sabiex jsir il-*patching* u jinqasam fuq it-triq illi għandhom bżonn jsirilhom il-*patching* u mhux jintefqu fuq triq waħda biss.

Il-Kunsillier is-Sur Elisabeth Cassar ipproponiet illi din l-offerta tingħata lill-*Polidano Bros Ltd* u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifusd issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 1 astjena.

## 6.0 <u>*Mistoqsija:*</u>

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija

## 7.0 <u>*Mozzjonijiet:*</u>

### 7.1 <u>**Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja (#108 – 9/11/15) :**</u>

*"Jipproponi sabiex sabiex issir diskussjoni biex issir roundabout żgħira fi Triq il-Qaliet. Ċert li nsolvu ħafna problemi. Kemm il-darba jkun hemm qbil tajjeb li ninfurmaw lit-Transport Malta."*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nistaqsu lil Perit jekk tistax issir u f'każ li tista issir pjanta sabiex napplikaw lit-TMalta.

### 7.2 <u>**Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja (#109 – 9/11/15):**</u>

*"Jipproponi sabiex issir diskussjoni li l-aħħar parti ta' Triq in-Nadur issir 'one way'. Isiru tabelli tal-one way fejn il-Palm Valley restaurant dan għaliex qed ikollu ħafna ilmenti speċjalment fuq storbju fis-siegħat bikrin ta' filgħodu. Kemm il-darba jkun hemm qbil tajjeb li ninfurmaw lit-Transport Malta ."*

Il-Kunsill qabel unanimament illi għanda tiġi preżentata pjanta u titressaq fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

### 7.3 <u>**Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri (#110- 10/1/15):**</u>

*"Jipproponi sabiex issir dawl adekwat fi Triq iż-Żinżell."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan, iżda sakemm isir id-dawl edakwat għanda issir *floodlight* temporanja għaliex hemm ħafna dlam.

### 7.4 <u>**Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri (#111 – 10/11/15):**</u>

*"Jipproponi sabiex nitolbu lil Transport Malta roads directory, sabiex kemm jista jkun malajr titkompla Triq iż-Żinzell bit-tarmac peres li qiegħda fi stat ħażin ħafna u tintuża ta kuljum minn ħafna ġenituri."*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lit-TMalta.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

8.1 Ma kienx hemm l-ebda informazzjoni mill-Kunsilliera

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.15p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku